MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 673/1994/2

**Joseph Cassar**

**Vs**

**George Pace proprio u occorrendo ghan-nom tad-ditta "Triton Marine" u b'digriet tad-19 ta' Jannar, 1995 gie kjamat in kawza Peter Gatt u b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Ottubru, 2000 gie kjamat fil-kawza l-Avukat Dottor Ivan Gatt.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess:

Illi fit-3 ta' Gunju, 1992 gie konkluz ftehim, ossia "charter agreement ", bejn il-kontendenti (Dok. "A"), li in forza tieghu l-attur kellu jigi pprovdut b' "sailing yacht", bil-mod u verso l-konsiderazzjonijiet hemm stipulati.

Premess illi tali konsenja kellha ssir lill-attur f'Marzu, 1993.

Premess illi kif kontemplat fl-imsemmi ftehiem, l-attur hallas lill-konvenut is-somma ta' Lm3,000 fit-3 ta' Gunju, 1992 u s-somma ulterjuri ta' Lm4,000 fl-14 ta' Jannar, 1993 (Dok "B" u "C").

Billi in oltre in previzjoni tal-fatt li l-attur kellu jigi provdut b'tali "sailing yacht" f'Marzu 1993, hu nkorra diversi spejjez ohra bil-mod u fl-ammonti li jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Premess illi in verita' il-konvenut naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu fil-konfrott tal-attur tant li l-istess attur ghadu sallum ma hax konsenja tal-imsemmi "sailing yacht".

Premess illi b'konsegwenza tal-premess, oltre li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' ksur kontrattwali fil-konfront tal-attur, l-istess attur sofra danni ngenti, ghal liema danni hu responsabbli lejh il-konvenut.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut hu inadempjenti fil-konfront tal-attur fl-obbligi kontrattwali tieghu kif naxxenti mic-"charter agreement" datat 3 ta' Gunju 1992.

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi xolt l-istess imsemmi "charter agreement " minhabba l-inadempjenza tal-konvenut.

3. Tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm7,000 lilu mhallsa akkont tal-konsiderazzjoni rizultanti minn tali "charter agreement" kif premess.

4. Tiddikjara u tiddeciedi li minhabba l-inadempjenza kontrattwali da parte tal-konvenut l-attur sofra danni, ghal liema danni hu esklussivament responsabbli l-konvenut.

5. Tillikwida l-istess danni, occorrendo b'opera ta' perit nominandi.

6. Finalment tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati in forza tal-hames domanda.

Bl-ispejjez komprizi dak tal-mandat ta' sekwestru nru. 1715/93 u tal-mandat ta' impediment tas-safar kontra persuna nru. 1714/93, kontra l-konvenut

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:

1. L-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae* stante illi in-negozju bejn il-partijiet huwa att oggettiv tal-Kummerc.

2. Illi fil-meritu, t-talbiet attrici huma infondati billi huma bazati interament fuq allegat kuntratt imsejjah "charter agreement ", liema kuntratt pero' m'hu xejn hlief simulazzjoni ta' kuntratt ta' bejgh. F'dan ir-rigward ghalhekk l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi fuq il-premessi odjerni.

3. Illi kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza in-negozju huwa ivvizjat ukoll b'kawza illecita da parti ta' l-istess attur u ghalhekk ma hemm ebda obbligazzjoni da parti tal-konvenut lejn l-attur, hlief ghar-rifuzjoni tad-depozitu msemmi mill-attur wara li jitnaqqsu minnu l-ispejjjez inkorsi mill-esponent.

4. Illi kif ser jirrizulta ukoll mit-trattazzjoni tal-kawza in-negozju falla minhabba inadempjenza ta' l-istess attur, li f'nofs in-negozju, ghamel xelta ta' Sailing Yacht iehor, imbaghad ma kienx f'qaghda li jaghmel il-pagament fil-hin.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-degriet a fol 38 li bih gie kjamat fil-kawza Peter Gatt;

Rat **in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Peter Gatt** a fol 50 fejn eccepixxa:

Illi hu m’ghandu ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mid-domandi;

Rat id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell a fol 214 li biha giet ordnata l-kjamat fil-kawza ta’ Dr.Ivan Gatt;

Rat **in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Dr.Ivan Gatt** a fol 228 fejn eccepixxa li Illi hu m’ghandu ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mid-domandi;

Rat id-decizjoni preliminari ta’ dina l-Qorti a fol 21 u dika tal-Qorti ta’ l-Appell a fol 33 fejn gie deciz li l-Qorti tal-Kummerc kienet kompetenti li tisma dina l-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

Rat in-noti ta’ l-attur u tal-kjamati fil-kawza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur kien ghamel “charter agreement” datat 3 ta’ Gunju 1992, Dok A a fol 6, u l-konvenuti kellhom jgibulu yacht hemm specifikat minnn Franza minghand id-ditta Jeanneau b’delivery date Marzu 1993. L-attur qed jaghmel dina l-kawza billi l-konvenuti hadulu depozitu ta’ Lm7,000 u ma kkonnsenjawlux il-yacht ghalhekk baqghu inadempjenti fil-konfront tieghu fl-obbligi kontrattwali naxxenti minn dana l-ftehim.

L-attur qed jitlob ukoll li jigi ddikjarat li l-imsemmi “charter agreement ” gie xjolt minhabba l-inadempjenza tal-konvenuti u l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jirrifondu lill-attur is-somma ta’ Lm7,000 imhallsa akkont. L-attur talab ukoll hlas ta’ danni li hu sofra minhabba dina l-inadempjenza.

**Eccezzjonijiet George Pace**

Il-konvenut George Pace eccepixxa li l-inkompetenza ta’ dina l-Qorti izda dina l-eccezzjoni giet deciza bis-sentenza tas 6 ta’ Ottubru 2000.

Fit-tieni eccezzjoni l-konvenut Pace qed jghid li t-talbiet attrici huma bazati interament fuq allegat kuntratt imsejjah “charter agreement “, liema kuntratt pero’ m’hu xejn hlief simulazzjoni ta’ kuntratt ta’ bejgh.

Illi fid-dokument A a fol 6 il-ftehim huwa car. L-attur kien dahal f’*charter agreement* ma Triton Marine u kellu jaghmel determinati pagamenti u mbaghad kellu l-option li jixtri l-yacht fol 7. George Pace xehed li huma kienu ghamlu dana l-ftehim billi kellhom bzonn juzaw dak il-yacht bhala *show boat*. Ghalhekk ma jidher li hemm ebda simulazzjoni f’dak il-ftehim. L-oneru tal-prova hu fuq il-konvenuti li jgibu provi konkludenti u perswasivi dwar is-simulazzjoni allegata. Haga li m’ghamlux.

L-istess jista’ jinghad dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Pace dwar kawza illecita’. Minn imkien mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm xi kawza illecita.

Kwantu ghall-ahhar eccezzjoni tieghu, l-konvenut qed jallega inadempjenza da parti ta’ l-attur li f’nofs negozju ghamel ghazla ta’ sailing yacht iehor, imbaghad ma kienx f’qaghda li jaghmel il-pagamenti fil-hin.

Illi dwar il-mertu tal-kawza l-attur xehed dettaljatament fid-diversi stadji u spjega fid-dettal b’dati, ricevuti u dokumenti kif il-konvenuti kienu qeghdin ighadduh biz-zmien u kif skopra kollox meta telgha personalment Franza ghand Jeanneau u dawn ikkonfermawlu li Pace u

Gatt ma kienu ghamlu ebda ordni ghal *boat* li hu kien ordna u lanqas ma kienu rcevew il-flus ta' Lm7,000 li hu kien iddepozita maghhom akkont tal-prezz. L-attur spejga li hu kien dahal f'hafna spejjez u xtara diversi accessorji ghall dina l-boat billi hu kien qed jistenna li l-boat tigi konsenjata kif miftiehem, mentri fil-fatt il-konvenuti ma kienu ghamlu ebda ordni u fil-fatt lanqas setghu jaghmlu ordni billi kellhom d-dejn ma Jeanneau u dawn ma kienux ser jaghtuhom yacht minghajr hlas minn qabel.

L-attur xehed li meta skopra dana hu kien qabbad avukat biex jipprova jasal ghas soluzzjoni ta' problemi li kienu nqalghu u saru diversi inkontri. F'okkazzjoni minnhom Dr. Ivan Gatt kien offra li jhallas Lm7,000 biex iwaqqaf il-proceduri legali. L-attur kien accetta li jiehu s-somma u jezenta lil Peter Gatt minn kull dannu u jzomm id-dritt li jfittex lill George Pace ghal kumplament tad-danni pero' l-flus qatt ma waslu u ghalhekk kienet saret din il-kawza kontra George Pace u wara kien talab li Peter Gatt jidhol fil-kawza wkoll ghax it-tnejn kienu responsabbili ghal flus li hu hallas.

Dwar dak li xehed George Pace li l-attur kien tardiv fil-pagament tat-tieni instalment, biddel ix-xelta tal-boat, u li l-attur qabad u hassar in negozju u ghamel kawza bla ma tah cans, il-Qorti tiddikjara li dana mhux minnu u hu kontradett mix-xhieda ta' l-attur u xhieda ohra minnu prodotti. L-attur kien offra diversi drabi biex ihallas il-pagament dovut izda l-konvenuti ma riedux il-flus dak il-hin ghal raguni ovvja li huma lanqas biss kienu qed jipprovaw igibulu boat. L-attur ma kellu ebda diffikulta' biex ihallas, anzi ipprova johrog lill Pace minn diversi diffikultajiet finanjarzji li kellu u kien lest li jassumi obbligi li kellu jassumihom Pace u mhux l-attur. Mill-provi jirrizulta li l-attur kellu mezzi mhux biss biex ihallas l-akkont li kien imiss, izda anke xtara diversi accessorji u ghamel spejjez ohra kif jirrizulta mill-prospettt Dok.J.C.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu fil-konfront ta' George Pace personalment u ghall Triton Marine.

**Kjamati fil-kawza**

Il-kjamati fil-kawza, Peter Gatt u Dr.Ivan Gatt qed jeccepixxu t-tnejn li huma li m'ghandhom ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u ghaldaqstant ghandhom jigu liberati mid-domandi.

Huma semmew li l-attur kien originarjament ipproceda kriminalment kontra George Pace biss u mhux kontrihom. Kien issa biss fil-kawza civili li huma gew imsejjha fil-kawza, u dana mhux mill-attur izda mill-konvenut.

Fuq dana l-punt il-Qorti tirrileva li skond l-art 13 tal-Kap 249 meta xi reat jigi kommess minn ghaqda ta' persuni, sew jekk persuna guridika u sew jekk le, kriminalment mhux bil-fors iridu jitressqu l-membri kollha ta' dika l-ghaqda biex jirrispondu ghal dak ir-reat izda bizzejjed direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor tal-ghaqda li jkun jagixxa f'dika l-kariga.

Ghalhekk dina s-sottomissjoni ma tistax tigi milqugha.

Fil-mertu Peter Gatt xehed li hu qatt ma ddilja ma' l-attur fuq il-*boat* in kwistjoni. L-attur kien fittxu darba wahda biss peress illi ma setghax isib lill George Pace. Jista jkun li l-attur kellmu l-ewwel darba fil-*Boat Show* tal-1992 bhal ma ra u kellem diversi nies dak in-nhar. Rah darba ohra fl-ufficcju tas-Sliema meta dan mar ikellem lill Pace u f'xi okkazzjoni ohra kien staqsih xi affarijiet teknici izda hu qatt ma kien iddiskuta mieghu dettalji jew xi forma ta' *agreement*. Hu ma kien jaf xejn x'kienu qed jiftehmu bejnithom Pace u Cassar. L-*agreement* iffirmah Pace. Il-flus li hallas Cassar qatt ma gew f'idejh u qatt ma ha xejn minn dawn il-flus. Hu, George Pace u huh Ivan kienu jippartecipaw f'negozju ta' bejgh ta' yachts.

L-attur xehed li kien iltaqa l-ewwel darba ma George Pace u Peter Gatt fil-*Boat Show* n-Naxxar fin 1992 fejn dawn kellhom stand taht l-istem ta' Triton Marine. Wara li kien thajjar jixtri *boat* hu kien ghamel in-negozjati fl-ufficju ta' Triton Marine f'Tas Sliema fejn kienu ikunu prezenti George Pace u Peter Gatt. Hu kien iddilja kemm ma

Pace kif ukoll ma Gatt (fol 141). Huma kienu fl-istess ufficcju. Iddilja fuq hafna aspetti mat-tnejn izda l-kuntratt finali iffirmah George Pace. Is-Lm7,000 kien tahom lill George Pace. Hu kellu relazzjoni kummercjali mat-tnejn.

George Pace ikkonferma li l-flus kien ircevihom hu u l-flus dahlu fil-kontijiet tal-kumpanija Contico Ltd li tihhendilja l-accounts ta’ Triton Marine.

Dr. Ivan Gatt xehed li kien jippartecipa ma George Pace u huh Peter Gatt f’negozju ta’ bejgh ta’ yachts u sehemu kien ta’ 20%. Hu qatt ma ha parti attiva ma kljenti jew diskuzzjonijiet ma xerrejja ta’ boats prospettivi u rarament jattendi l-ufficju. Dwar dina l-kwistjoni hu qatt ma iltaqa ma’ l-attur u qatt ma iddiskuta mieghu u lanqas mas-socji l-ohra dwar l-akkwist ta’ boat minn l-attur. Sar jaf bil-kaz meta ittiehdu proceduri gudizzjarji.

Dwar dak li xehed Dr.I.Gatt l-attur isemmi okkazzjoni meta George Pace u Peter Gatt kienu gabu lill Dr. Ivan Gatt, li kien jirrapprezentahom, biex jikkonvincuh li hu jista jkollu yacht bla dazju u minghajr problemi. L-attur imbaghad isemmi l-okkazzjoni ohra meta Ivan Gatt kien offra li jithallsu Lm7,000 biex jitwaqqfu il-proceduri legali.

Jirrizulta mill-provi li bejn George Pace, Peter Gatt u Dr. Ivan Gatt kien hemm ftehim ta’ negozju ghall bejgh ta’ yachts, u fost in-negozju li sar kien hemm dak ta’ l-attur. F’dan in-negozju Pace kellu 40%, Peter Gatt 40% u Dr. I. Gatt 20% u kienu agixxu taht l-isem kummercjali Triton Marine. In-negozju li sar ma’ l-attur sar ma George Pace u Triton Marine. Dan kien negozju kummercjali. Ma l-attur l-aktar li ttratta kien George Pace, u Peter Gatt kellu wkoll x’jaqsam, ghalkemm mhux daqshekk attiviatment. Dan jirrizulta mix-xhieda prodotta u anke mid-dokumenti ezibiti. Id-ditta estera kienet taf lill Triton Marine u kienet tikkorrispondi ma George Pace u Peter Gatt (ara dok a fol 74 sa 76). Dan gie konfermat minn Dennis Quartier fix-xhieda tieghu. Fol 252 u 279. Dr. I. Gatt ghalkemm lanqas wiehed attiv mis-socji, l-ohra pero’ kellu sehem f’dan in-negozju u skond l-attur kien involut f’xi stadji tat-trattativi.

Il-kjamati fil-kawza qed jissottomettu (ara nota ta' sottomissjonijiet taghhom) li huma m'humiex solidalment responsabbili mal-konvenut George Pace billi huma kienu fformaw assocjazzjoni en partecipation u ghalhekk skond il-ligi Art 172 "*A third party shall acquire rights and assume obligations against and in favour only of the associating party*" f'dan il-kaz George Pace. Peter Gatt fl-eccezzjonijiet tieghu (a fol 50) imbaghad fl-ewwel xhieda li kien ta' quddiem dina l-Qorti (fol 151) ma kienx semma dina l-assocjazzjoni en partecipation. Imbaghad wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-appell (fol 214) hu rega pprezenta l-istess xhieda li kien tah precedentement izda din id-darba b'forma ta' affidavit biz-zieda tal-kliem li bejn is-socji ma sar ebda ftehim bil-miktub, u dana gie ripetut fl-affidavit ta' Dr. I. Gatt. Dina z-zieda saret in vista ta' dak li kien gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell, billi fin 1992 il-Ligi (Kap 168) ma kinitx tezigi il-formalita' tal-kitba. Izda biex ikun hemm assocjazzjoni en partecipation, ghalkemm taht il-ligi fin 1992 mhiex necessarja l-kitba, pero' hemm rekwiziti ohra li trid il-ligi dwar it-tqassim tan-negozju. F'dan il-kaz jirrizulta li l-konvenut u l-kjamati fil-kawza kienu kompartecipi u kellhom sehem determinat fl-operazzjoni.

Il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha prodotti tasal ghall istess konkluzzjoni li kienet waslet ghaliha l-Qorti ta' l-Appell fis-sens li, fin nuqqas ta' prova certa illi l-assoccjazzjoni li kien hemm bejn dawn it-tlett persuni kienet wahda 'en participation', din il-Qorti kellha necessarjament tqis l-alternativa li dwarha jidher li hemm element ta' prova mill-atti akkwiziti cjoe illi dawn it-tlett persuni kienu kompartecipi fl-operazzjoniji kummercjali f'socjeta' mhux regolarment kostitwita - fol 220. Din l-irregolarita ma hix opponibbili lil terzi li jkunu nnegozjaw maghha u in buona fede, b'mod li s-soci jkunu responsabbili solidalment quddiem it-terzi.

Inoltre kif ukoll irrimarkat il-Qorti ta' l-Appell f'materja kummercjali bhal kaz in ezami ghandha tapplika s-solidarjeta' a termini ta' l-artikolu 115(1) tal-Kap 13, fejn f'obbligazzjonijiet kummercjali hu prezunt li l-kondebituri

huma obbligati in solidum, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju.

Illi ghalhekk it-talbiet ta’ l-atturi ghandhom jinltaqghu anke fil-konfront tal-kjamati fil-kawza. Huma solidalment responsabbili flimkien mal-konvenut ghall obbligi kontratti minn Triton Marine permezz tal-kuntratt Dok A.

Kwantu ghat-talba ghal danni, l-attur ipprezenta prospett Dok J C a fol 100/2 li fih indika d-danni li sofra u spejjez li ghamel minhabba dan in-negozju li falla. Hu indika zewg subtotals Lm4,400.19 u Lm1,107.37 u l-claim principali ta’ Lm7,000. Tal items immarkati partially used, hu mhux qed jitlob hlas. Hemm ohrajn fejn talab biss persentagg ez. 50%. Hu ddikjara li jekk jithallas l-ammont taghhom hu lest li jirritorna l-oggetti. Hu kellu jitla’ darbtejn Franza. L-attur ipprezenta wkoll id-dokumenti relattivi bhal ricevuti biex jikkonfermaw il-pagamenti li ghamel dwar dana l-kaz. Il-kwantum tad-danni ma giex kontestat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur
tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut u l-kjamati fil-kawza huma inadempjenti fil-konfront tal-attur fl-obbligi kontrattwali taghhom kif naxxenti mic-“charter agreement” datat 3 ta’ Gunju 1992.
Konsegwentement tiddikjara xolt l-istess imsemmi “charter agreement” minhabba l-inadempjenza tal-konvenut u tal-kjamati fil-kawza;
Tikkundanna lill-konvenut u l-kjamati fil-kawza solidalment jirrifondi lill-attur is-somma ta’ sebat elef lira Maltin (Lm7,000) lilhom imhallsa akkont tal-konsiderazzjoni rizultanti mic “charter agreement “ kif premess;
Tiddeciedi li minhabba l-inadempjenza kontrattwali msemmija l-attur sofra danni, ghal liema danni huma responsabbli l-konvenut u l-kjamati fil-kawza;
Tillikwida l-istess danni, fl-ammont ta’ hamest elef hames mija u sebgha liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm5,507.46);

u tikkundanna lill-konvenut u kjamati fil-kawza solidalment ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati; b’dan pero’ li jekk l-attur jithallas hu ghandu jirritorna dawk l-oggetti li taghhom ikun thallas;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut u l-kjamati fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------